

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Każ COMP/M.6276 – AIF VII Euro Holdings/Ascometal)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/C 216/13)

1. Fil-15 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża AIF VII Euro Holdings, L.P. ("AIF VII") – fond ta' investiment ġestit minn Apollo Management VII L.P., li hija affiljata ta' Apollo Management L.P. (kollettivament, "Apollo", l-Istati Uniti tal-Amrika) – takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdien, il-kontroll tal-impriża kollha Ascometal SA (Franza) mingħand Sideris Steel S.A.S., sussidjarja indiretta ta' Lucchini SpA li hija parti minn OAO Severstal permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għall-impriża Apollo: l-investiment f'kumpaniji involuti f-neozzji varji madwar id-dinja kollha bħall-industriji tal-kimika, tal-kruċjieri, tal-loġistika, tal-karta, tal-ippakkjar u ta' senserija fil-qasam tal-proprietà immobblī,
- għall-impriża Ascometal: il-manifattura ta' prodotti speċjali ta' ħadid twil (prodotti nofshom kompluti, prodotti laminati bis-ħana u prodotti maħduma bla sħana) fi gradi ta' liega jew le.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitū tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħbi ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħbi il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6276 – AIF VII Euro Holdings/Ascometal, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien).

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").